MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2111/2002

**Andre` Xuereb**

**vs**

**Robert Micallef u b'digriet ta' l-1 ta' Novembru, 2002, it-Tribunal jordna l-kjamat fil-kawza ta' Tiziana Maria Desira**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru,2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm370.96) rappresentanti danni minn incident awtomobilistiku li sehh f'Zejtun nhar id-19 ta' Mejju, 2002 meta waqt il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura HAT 393 habat mall-vettura BAI 206 ta' Andre` Xuereb, ghal liema ncident il-konvenut kien**

**unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta pprezentata tal-konvenut Robert Micallef fis-7 ta' Ottubru, 2002 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, li sehh unikament tort ta' Tiziana Maria Desira li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawza Tiziana Maria Desira pprezentata fit-23 ta' Dicembru 2002 fejn intqal illi hija mhix responsabbli ghall-incident awtomobilistiku riferit fit-talba u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Illi minghajr pregudizzju ghall-premess t-talbiet attrici huma esagerati in kwantu jirrigwarda d-danni pretizi.**

**Sema' x-xhieda ta' PS 249 Angelo Curmi, Andre` Xuereb, Robert Micallef, Ilona Micallef, Tiziana Desira. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat fi Vjal il-Labour Zejtun fid-19 ta' Mejju,2002 ghal habta tal-11:30a.m. bejn il-vettura ta' l-attur BAI 206 li kienet parkeggjata u l-vettura HAT 393 misjuqa mill-konvenut. Involuta f'din il-kollizzjoni kien hemm ukoll il-vettura TIZ 783 misjuqa mill-kjamata in kawza.**

**2. Jirrizulta li l-attur li definittivament m'ghandux tort ta' l-incident, fil-hin ta' l-incident kien qed jghabbi fil-karozza meta semgha brake u grat il-habta fil-vettura tieghu. Il-konvenut kien qed jipprocedi miz-Zejtun fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb u ra l-kjamata in kawza riesqa mid-direzzjoni opposta. Il-kjamata in kawza u l-konvenut habtu mera ma' mera u bhala konsegwenza l-konvenut spicca fil-vettura ta' l-attur.**

**3. Skond il-konvenut hu ra lill-kjamata in kawza gejja mill-faccata u daqqilha l-horn, skond ma jghid hu peress li lis-sewwieq ma rahx. Ighid illi l-vettura tal-kjamata in kawza laqtitlu l-mera u ma' l-impatt spicca fil-vettura ta' l-attur. Il-konvenut jispjega li l-kjamata in kawza kienet qed tinvadi l-karreggjata tieghu. Dak li xehed il-konvenut huwa bazikament konfermat minn Ilona Micallef li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghu. It-tnejn li huma jikkonfermaw illi l-konvenut ma kienx ghaddej b'velocita', li zamm brake, li daqq il-horn, u li pprova jevita' billi kiser aktar ghal fuq ix-xellug u b'hekk dahal fil-vettura ta' l-attur. Din il-versjoni hija wkoll dik li l-konvenut ta' lill-Pulizija fil-hin meta sehh l-incident u kif ukoll jirrizulta mir-rapport Dok AC 1 a fol 17 et seq tal-process.**

**4. Il-kjamata in kawza Tiziana Desira tichad li nvadiet il-karreggjata tieghu u tghid illi meta ghaddiet il-karozza tal-konvenut qalatilha l-mera. Hi tinsisti li dan kien gej b'velocita'. Skond Desira l-konvenut ezatt kif qalalha l-mera daqq il-horn u baqa' sejjer u hi wkoll baqghet sejra. Skond Desira wara li habat maghha l-konvenut mexa xi tul ta' aktar minn erba' karozzi. Hi tghid ukoll li biex nizlet it-tieqa kull ma ghamlet ghafset buttuna li kienet qrib.**

**5. Dak li qed tghid Tiziana Desira ma hux konvincenti in kwantu fir-rapport a tempo vergine hi qalet is-segwenti:**

**« i was operating the front passenger's window switch but was still seeing my front view and did not see the other vehicle approaching. »**

**6. Dana wahdu jindika li Desira ma kienetx qed tippresta l- attenzjoni mehtiega ghat-traffiku li kien gej mill-faccata, ghaliex kien impossibli li hi ma tindunax li kien gej il-konvenut mid-direzzjoni**

**opposta, tenut kont li ma kien hemm xejn x'jostakolalha l-viswali ghajr xi manuvra li hi stess kienet qed taghmel. Din il-versjoni li tat Desira lill-Pulizija tikkontrasta max-xhieda taghha meta hi qalet li lill-konvenut ratu ftit qabel ma qalalha l-mera u meta ma kienx ghadu wasal hdejha. It-Tribunal ma jsibx konvincenti l-fatt illi Desira qeghda tghid li l-versjoni li tat lill-Pulizija tatha hazin**
**minhabba l-qata.**

**7. Apparti minn dan li ntqal it-Tribunal ha in konsiderazzjoni tal-**
**fatt illi mill-isketch esebit Dok AC 2 jirrizulta illi l-konvenut fil-**
**fatt kien miexi fil-karreggjata tieghu, pero' ghandu jinghad illi**
**l-fatt li l-konvenut halla brake marks twal erbatax-il metru**
**(14m) ma humiex ezattament indikattivi ta' wiehed li kien ghaddej bil-mod, izda pjuttost kif xehdet Ilona Micallef ta' wiehed li fil-fatt ma kienx ghaddej ta' wiehed b'velocita' eccessiva.**

**8. Dwar dan il-punt qed jigi rilevat illi dik li hi velocita' ghandha**
**tkun mizurata skond diversi fatturi fosthom il-wisa' tat-triq, it-**
**traffiku li jkun hemm, u wkoll l-istat tat-triq u affarijiet ohra**
**kontingenti. F 'dan il-kaz ma jirrizultax illi t-triq li minnha**
**kien ghaddej il-konvenut kienet xi triq dejqa, anzi din hija triq**
**principali u tesa' facilment tlett karozzi inkluzi l-karozzi**
**parkeggjati. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jirrizultax illi kien**
**hemm xi velocita' eccessiva da parti tal-konvenut. Anzi**
**ghandu jinghad illi l-brake marks kif indikati juru bic-car li l- konvenut kien miexi fil-karreggjata tieghu pjuttost vicin tal-karozzi parkeggjati. Ma hemmx dubbju illi biex saret il-habta necessarjament il-vettura tal-kjamata fil-kawza kienet fin-nofs tat-triq u**

**qed tinvadi l-karregjata tal-konvenut. Li kieku l-kjamata in kawza kienet fil-karreggjata taghha, l-kollizzjoni mal-konvenut ma kienetx issehh. Konsegwentement ghal dan l-incident ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-kjamata in kawza Tiziana Maria Desira.**

**9. Id-danni sopportati mill-attur huma dawk li jirrizultaw mis-**
**survey report esebit a fol 9 tal-process u dana fl-ammont**
**reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara li mhux qed isib l-ebda htija fil-konvenut ghall-incident li sehh, qed jiddikjara unikament responsabbli ghall-incident lill-kjamata in kawza Tiziana Maria Desira u konsegwentement jikkundanna lill-istess Tiziana Maria Desira thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sebghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm370.96). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Novembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' l-attur u tal-konvenut, inkluzi fl-ispejjez ta' l-attur dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-kjamata in kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------